

Brussell, 28 ta' Mejju 2018
(OR. en)

9418/18

Fajls Interistituzzjonali:
2018/0107 (COD)
2018/0108 (COD)

JAI 516
COPEN 166
CYBER 117
DROIPEN 76
JAIEX 56
ENFOPOL 284
DAPIX 158
EJUSTICE 62
MI 399
CODEC 873

NOTA

minn:	Presidenza
lil:	Kunsill
Suġġett:	Evidenza elettronika a) Regolament dwar l-Ordnijiet ta' Produzzjoni u ta' Preservazzjoni Ewropej għall-evidenza elettronika b) Direttiva dwar rappreżentanti legali għall-ġbir ta' evidenza = Dibattitu ta' orjentazzjoni

I. Introduzzjoni

1. Fis-17 ta' April 2018 il-Kummissjoni adottat żewġ proposti leġislattivi: *proposta għal Regolament dwar l-Ordnijiet ta' Produzzjoni u ta' Preservazzjoni Ewropej għall-evidenza elettronika f'materji kriminali*¹ u *proposta għal Direttiva li tistabbilixxi regoli armonizzati dwar il-ħatra ta' rappreżentanti legali għall-finijiet tal-ġbir tal-evidenza fi proċeduri kriminali*². Dawn għandhom l-għan li jtejbu l-aċċess transfruntier għall-evidenza elettronika billi joħolqu qafas legali għal ordnijiet ġudizzjarji indirizzati direttament lir-rappreżentanti legali ta' fornituri ta' servizzi mingħajr l-intervent ta' awtorità tal-Istat Membru fejn ikun jinsab ir-rappreżentant legali tagħhom.

¹ 8110/18.

² 8115/18.

L-ewwel diskussjonijiet bejn l-esperti u d-dibattitu fil-CATS wrew għadd ta' kwistjonijiet ta' importanza politika li l-Presidenza tixtieq tressaq quddiem il-Kunsill (ĠAI) fl-4 ta' Ġunju sabiex tftitex gwida politika mhux biss rigward id-direzzjoni li għandha tiġi segwita f'negozjati futuri dwar il-proposti, iżda wkoll fir-rigward tar-relazzjonijiet esterni tal-UE dwar din il-kwistjoni ma' sħab ewlenin bħalma huma l-Istati Uniti.

II. Il-kamp ta' applikazzjoni tal-proposti leġislattivi tal-Kummissjoni

2. Filwaqt li jilqgħu l-proposti, għadd ta' delegazzjonijiet iddispjaċihom li l-kamp ta' applikazzjoni limitat tar-Regolament propost ma jindirizzax l-*aċċess dirett għall-evidenza elettronika* (aċċess dirett għal data mingħajr l-għajnuna ta' parti terza (fornitur tas-servizz) bħala intermedjarju), jew *interċezzjoni tad-data f'ħin reali*. Bosta delegazzjonijiet ħassew li kien meħtieġ li dawn iż-żewġ elementi jiġu indirizzati peress li jirrispondu għal hteġa operazzjonali u għalhekk jeħtieġ li jiġu studjati aktar u f'ħafna aktar dettall. Madankollu, hemm diverġenza ta' opinjonijiet dwar jekk dan għandux isir bil-għan li jiġu inklużi fil-proposti attwali jew pjuttost b'mod parallel mal-proposti eżistenti sabiex ma jtawlux u ma jdewmux in-negozjati attwali.
3. Fir-rigward tal-*interċezzjoni tad-data f'ħin reali*, s'issa saru l-kunsiderazzjonijiet li ġejjin:
 - din hija miżura sensittiva u intrużiva,
 - din il-possibbiltà hija prevista f'ħafna liġijiet nazzjonali għal ċirkostanzi nazzjonali, fid-Direttiva dwar l-Ordni ta' Investigazzjoni Ewropea u fil-CLOUD Act tal-Istati Uniti; kwalunkwe bażi tal-UE għall-interċezzjoni tad-data f'ħin reali għandha tkun ikkunsidrata f'dan il-kuntest usa' u titqies il-hteġa li l-awtoritajiet tal-Istati Membri ikollhom il-firxa sħiħa ta' għodda biex jiġġieldu l-kriminalità fl-era diġitali (li huma għad-dispożizzjoni tal-kollegi tagħhom fl-Istati Uniti). Barra minn hekk, l-Istati Membri tkellmu dwar il-possibbiltà li jkopru l-interċezzjoni f'ħin reali fi Ftehim Eżekuttiv taħt il-CLOUD Act tal-Istati Uniti, fuq bażi reċiproka, għandha titqies ukoll bħala parti mir-riflessjoni dwar din il-miżura.

4. Fir-rigward tal-*aċċess dirett għall-evidenza elettronika*, s'issa saru l-kunsiderazzjonijiet li ġejjin:
- hija għodda b'saħħitha f'każ ta' telf ta' lokazzjoni jew fornituri ta' servizzi li ma jikkooperawx, li tagħti s-setgħa lill-awtoritajiet tal-Istati Membri biex b'mod remot jaċċessaw id-data disponibbli wara t-tfittxija u s-sekwestru ta' apparat jew l-użu ta' kredenzjali miksuba legalment għall-aċċess ta' kont;
 - hemm ħafna varjazzjoni fil-liġijiet nazzjonali li jirregolaw it-tali aċċess dirett fl-Istati Membri, b'mod partikolari s-salvagwardji u s-setgħat li huma jipprovdu;
 - il-possibilità li jinholq qafas komuni tal-UE jkun ta' benefiċċju, iżda t-tali approċċ tal-UE għandu jiġi kkunsidrat bir-reqqa fid-dawl ta' dawk l-oqfsa legali nazzjonali diverġenti u għadd ta' kwistjonijiet legali, fosthom il-bażi legali xierqa, għandha tiġi eżaminata bir-reqqa.
5. *Il-ministri huma mistiedna jkollhom skambju ta' fehmiet dwar l-urġenza tal-kwistjoni u l-modalitajiet għall-kontinwazzjoni tad-diskussjonijiet dwar il-ħolqien ta' qafas tal-UE għal "aċċess dirett għall-evidenza elettronika" u l-"interċezzjoni tad-data f'ħin reali" fil-futur qrib.*

III. Żviluppi internazzjonali reċenti u l-impatt tal-CLOUD Act tal-Istati Uniti

6. Il-CLOUD Act tal-Istati Uniti³ adottat mill-Kungress Amerikan fit-23 ta' Marzu 2018 jikkjarifika permezz ta' emenda tal-Att dwar il-Komunikazzjonijiet Maħżuna (Stored Communications Act) tal-1986 li l-fornituri tas-servizzi tal-Istati Uniti huma obbligati jikkonformaw mal-ordnijiet tal-Istati Uniti biex jiżvelaw data ta' kontenut irrispettivament minn fejn it-tali data tkun maħżuna⁴. Barra minn hekk, il-CLOUD Act tal-Istati Uniti jippermetti l-konklużjoni, taħt ċerti kondizzjonijiet, ta' ftehimiet eżekuttivi ma' gvernijiet barranin, li abbażi tagħhom il-fornituri ta' servizz tal-Istati Uniti jkunu jistgħu jipprovdu data ta' kontenut direttament lil dawk il-gvernijiet barranin (kif ukoll biex jinterċettaw komunikazzjonijiet trasmessi bil-fil), soġġett għal kondizzjonijiet li għandhom jiġu determinati fil-ftehimiet eżekuttivi.

³ Clarifying Lawful Overseas Use of Data

⁴ B'hekk il-kawża Stati Uniti vs. Microsoft Corporation dwar l-istess suġġett issir dibattibbli, jiġifieri jekk skont l-Att dwar il-Komunikazzjonijiet Maħżuna tal-1986, l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Uniti jistgħu jeħtieġu fornitur tas-servizz ibbażat fl-Istati Uniti, fuq il-bażi ta' mandat ġudizzjarju, jipproduċi l-kontenut ta' kont tal-email maħżun fuq server li jinsab barra l-pajjiż.

7. Meta f'Marzu d'diskutew din il-kwistjoni fil-Kunsill (ĠAI), il-Ministri tkellmu favur approċċ komuni tal-UE fil-konfront tal-Istati Uniti, filwaqt li enfasizzaw li dan mhux talli jikkontribwixxi ferm lejn l-istabbiliment ta' ċarezza legali għall-fornituri tas-servizzi u l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, iżda wkoll jipprevjeni l-proliferazzjoni ta' reġimi differenti, il-frammentazzjoni fi ħdan l-UE u t-trattament inugwali tal-Istati Membri.
8. Fil-laqgħa tal-CATS tat-18 ta' Mejju, il-Kummissjoni u s-Servizz Legali tal-Kunsill iċċaraw li l-UE hija kompetenti biex tidħol f'negozjati b'hal dawn mal-Istati Uniti, u l-Istati Membri ma għandhomx jidħlu f'negozjati bilaterali. Il-Kummissjoni enfasizzat ukoll uħud mill-benefiċċji msemmija hawn fuq. Il-Kummissjoni u l-Presidenza ċċaraw ukoll il-kompetenza tal-UE f'din il-kwistjoni f'laqgħa Ministerjali bejn l-UE u l-Istati Uniti li saret f'Sofija fit-22 u t-23 ta' Mejju 2018.
9. Il-konklużjoni ta' ftehim eżekuttiv bejn l-UE u l-Istati Uniti għandu jitqies ukoll fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 48 tal-GDPR, li għadu kif daħal fis-seħħ. Dan l-artikolu jipprevedi li *'kwalunkwe sentenza [...] li [tirrikjedi] li kontrollur jew proċessur jittrasferixxi jew jiżvela data personali ma jistgħu jkunu rikonoxxuti jew infurzabbli b'ebda mod h'ief jekk ikunu bbażati fuq ftehim internazzjonali [...] bejn il-pajjiż terz li qed jagħmel it-talba u l-Unjoni [...] mingħajr preġudizzju għal raġunijiet oħra tat-trasferiment skont dan il-Kapitolu [V]*.
10. Fl-aħħar nett, fid-definizzjoni tar-relazzjoni futura, għandha tingħata attenzjoni partikolari għar-regoli li jinsabu fit-testi leġislattivi rispettivi rigward każijiet fejn il-fornituri ta' servizzi jinqabdu bejn leġislazzjonijiet nazzjonali konfliġġenti. Il-CLOUD Act tal-Istati Uniti fih klawżola ta' korteżija (comity clause⁵), filwaqt li l-abbozz ta' Regolament tal-UE jistabbilixxi fl-Artikolu 15 tiegħu⁶, proċedura ta' rieżami fil-każ ta' obbligi konfliġġenti. Ser ikun meħtieġ eżami bir-reqqa u dettaljat ta' dawk id-dispożizzjonijiet biex tiġi żgurata r-reċiproċità u l-effikaċja operattiva.

⁵ Il-klawżola ta' korteżija tippermetti lill-fornituri ta' servizzi jitolbu lil qorti tal-Istati Uniti biex tħassar jew temenda ordni maħruġa għall-preservazzjoni jew l-iżvelar tad-data jekk id-data tkun marbuta ma' persuna li mhix ċittadina tal-Istati Uniti u jekk biex jikkonformaw mal-ordni jkunu qed jiksru l-liġijiet ta' pajjiż li miegħu l-Istati Uniti jkollha ftehim eżekuttiv li jipprevedi possibilitajiet simili għall-fornituri ta' servizzi skont il-liġijiet tagħhom.

⁶ L-Artikolu 15 jipprevedi djalogu mal-awtorità ċentrali tal-Istat terz ikkonċernat. Huwa biss f'każ li din l-awtorità ma toġġezzjonax, li l-ordni Ewropea ta' produzzjoni tkun irrispettata u d-data tiġi pprovduta.

11. Il-ministri huma mistiedna jikkonfermaw ix-xewqa tagħhom li jidħlu malajr f'negozjati mal-Istati Uniti dwar il-konklużjoni ta' ftehim eżekuttiv bejn l-UE u l-Istati Uniti u huma mistiedna wkoll biex jitolbu lill-Kummissjoni biex b'mod urġenti tressaq quddiem il-Kunsill rakkomandazzjoni għal mandat ta' negozjar għal dan il-għan. Il-ministri huma mistiedna jitolbu lill-Kummissjoni tiegħu passi simili fir-rigward tat-Tieni Protokoll Addizzjonali għall-Konvenzjoni ta' Budapest li bħalissa qed tiġi abbozzata taħt l-awspiċi tal-Kunsill tal-Ewropa.
